MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 38 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 06 ta' Awwissu, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillier Birżebbuġa | Is-Sur Sandro Alexander Caruana |

| | |
|---|---|
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

38.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

38.2.1 Il-President ressaq il-minuti tas-seba' u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

38.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Capt. Charmaine St John u ssekondata mis-Sur David Michael Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 38.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Devoluzzjoni tal-bini amministrattiv**

38.3.1 Il-President informa li kif kien diġà ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill Reġjonali beda l-proċess tad-devoluzzjoni tal-bini amministrattiv. L-applikazzjoni għaddiet mill-

ewwel fażi fejn ġie identifikat li l-bini hu proprjetà tal-Gvern u ġie ddikjarat liberu. Issa bdejna t-tieni fażi fejn saret it-talba uffiċjali mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar biex il-proprjetà tiġi devoluta lilu.

**- Sejħa pubblika fuq bażi reġjonali għal kuntratt ta' manutenzjoni fuq id-dwal tat-toroq**

38.3.2 Il-President qal li, kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, fit-28 ta' Lulju 2020 ġiet ippubblikata t-tender mir-Reġjun għal kuntratt ta' manutenzjoni fuq id-dwal tat-toroq f'isem għaxar Kunsilli Lokali li wrew interess. Din bħalissa tinsab miftuħa u tagħlaq fl-1 ta' Settembru 2020.

**- Sejħa pubblika għal servizz ta' perit għall-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar**

38.3.3 Il-President informa li s-sejħiet għal din it-tender għalqu fil-21 ta' Lulju 2020. Kien hemm tmien operaturi li tefgħu l-offerta tagħhom. Il-proċess ta' evalwazzjoni issa jinsab fi tmiemu. L-evalwaturi għażlu l-operatur bl-orħos offerta aġġudikata li kienet dik tal-Perit William Lewis u, skont il-Bord tal-Evalwazzjoni, hu għandu jirbaħ dan il-kuntratt. Il-President talab għall-vot tal-Membri biex jara jekk hemmx qbil dwar l-għażla tal-evalwaturi.

38.3.4 Il-Membri preżenti unanimament approvaw id-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni.

38.3.5 **- Sejħa pubblika għar-restawr tal-faċċata tal-bini amministrattiv**

Il-President informa li immedjatament wara li ngħata l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għar-restawr tal-faċċata antika tal-bini amministrattiv, beda x-xogħol mal-perit appuntat fuq dettalji u speċifikazzjonijiet biex ikunu jistgħu jitfasslu d-dokumenti għall-ħruġ ta' din is-sejħa. Id-dokumenti u l-pjanti meħtieġa issa jinsabu kollha lesti u din is-sejħa se tiġi ppubblikata nhar it-Tlieta 4 ta' Awwissu 2020. L-offerti se jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2020. L-istima indikata mill-perit għal dan ix-xogħol hija ta' disgħin elf ewro VAT eskluża. Sadanittant, għaddejja ħidma mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi biex jiċċaqlaq id-dawl tat-triq li hemm imwaħħal f'nofs il-faċċata. Għaddejja ħidma wkoll mal-Enemalta

biex jiġu ddevjati l-linji tal-elettriku u jitneħħa tagħmir ieħor tas-servizz li hemm installat u jagħti dehra kerha lil din il-faċċata.

38.3.6 Fis-5.42 daħlu għal-laqgħa s-Sur Dominic Grech, is-Sur Terence Agius u s-Sur Sandro Alexander Caruana.

38.3.7 **- Proġett ta' xogħlijiet artistiċi bi sħab ma' WOT Art**

Il-President irrefera għal din l-inizjattiva li kienet ġiet varata matul il-jiem ta' restrizzjonijiet tal-pandemija. Ir-Reġjun kien beda dan il-proġett bi sħab ma' WOT Art li hi istituzzjoni privata li tagħti lezzjonijiet u tagħmel attivitajiet terpewtiċi permezz tal-arti. L-iskop kien biex ir-residenti tar-Reġjun jibqgħu siguri d-dar u jkunu jistgħu jgħaddu l-ħin tagħhom iwettqu xi forma ta' arti filwaqt li tiġi kkontrollata l-firxa tal-virus. Din serviet ukoll ta' għajnuna għal dawk li kienu għaddejjin minn żmien ta' stress minħabba r-restrizzjonijiet. Dawn il-persuni kellhom għajnuna mingħajr ħlas mill-għalliema ta' WOT Art biex ikunu jistgħu jirfinaw ix-xogħlijiet artistiċi tagħhom wara li kienu jibagħtulhom ritratti online tax-xogħlijiet tagħhom. Dawn ix-xogħlijiet isse se jiġu esebiti f'wirja li se tittella' fis-sala tal-Kunsill Reġjonali matul l-aħħar ġimagħtejn ta' dan ix-xahar.

38.3.8 Is-Sa Marija Sara Vella daħlet għal-laqgħa fis-5.52 pm.

**- Kummenti**

38.3.8 Il-President ta merħba lis-Sindku l-ġdid tas-Siġġiewi s-Sur Dominic Grech, li kien preżenti għall-ewwel laqgħa tiegħu tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta merħba wkoll lill-Kunsilliera s-Sa Maria Magri li se tkun qed tirrappreżenta lis-Sindku ta' Ħal Luqa fin-nuqqas tiegħu matul il-laqgħat tar-Reġjun. Il-President talabhom jagħmlu introduzzjoni mal-Membri l-oħra preżenti.

38.3.9 Is-Sur Dominic Grech irringrazzja lill-President u lill-Membri preżenti tal-merħba li ngħata u wiegħed li hu lest jaħdem ma' kulħadd filwaqt li jħares 'il quddiem għal aktar xogħol għall-ġid tal-lokalitajiet kollha fi ħdan ir-Reġjun. Hu se jkun isib ħin matul il-jiem li ġejjin biex jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun biex isir jaf aktar dwar il-funzjonijiet u l-ħidma li hemm għaddejja mill-Kunsill Reġjonali.

38.3.10 Is-Sa Maria Magri wkoll irringrazzjat lill-President u l-Membri preżenti. Hi qalet li diġà kellha kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ingħatat xi informazzjoni fuq il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali. Wiegħdet li se tagħmel l-almu tagħha biex tagħti il-kontribut tagħha.

38.3.11 Is-Sa Rita Grima rreferiet għall-wirja tax-xogħlijiet tal-arti li se tittella' fis-sala tal-Kunsill Reġjonali u talbet jekk hux possibbli li jitpoġġew għall-wiri xi xogħlijiet artistiċi oħra li saru minn residenti Żrieraq fuq inizjattiva simili mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.

38.3.12 Il-President wieġeb li ma jsib l-ebda diffikultà f'dan ir-rigward u laqa' t-talba tas-Sindku taż-Żurrieq. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa u jikkoordina mas-Sa Rita Grima biex din il-wirja tkun tinkludi wkoll dawn ix-xogħlijiet artistiċi.

38.3.13 Is-Sur Renald Falzon daħal għal-laqgħa fis-5.59 pm.

38.3.14 Is-Sur Christian Sammut staqsa jekk il-Kunsilli Lokali jistgħux jużaw lilll-perit tar-Reġjun għal xogħlijiet fil-lokalità tagħhom.

38.3.15 Il-President wieġeb li l-Kunsilli Lokali jistgħu jagħmlu użu mill-perit tar-Reġjun. Hu fakkar li l-perit jitħallas b'tariffi speċifiċi skont ix-xogħol li jitqabbad jagħmel. Kull Kunsill Lokali hu responsabbli li jikkoordina x-xogħol tiegħu u jħallas lill-perit tax-xogħol imqabbad minnu.

38.3.16 Is-Sur David Michael Schembri rrefera għal Network of Towns li hu proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Hu fisser fiex jikkonsisti u xi jkun hemm bżonn isir biex Kunsill Lokali jkun jista' jipparteċipa f'wieħed minn dawn il-proġetti. Żied jgħid li għandu konoxxenza ta' wieħed minn dawn il-project leaders li hu serhu ħafna u qed ifittex partners Maltin sabiex jissieħbu miegħu f'wieħed minn dawn il-proġetti. Is-Sur David Michael Schembri ħajjar lill-Membri preżenti biex jissieħbu fi proġetti simili għax hi opportunità fejn Kunsill jista' jitgħallem minn ieħor u hi esperjenza sabiħa. Hu qal li din ma tpoġġi l-ebda piż finanzjarju fuq il-Kunsill u wiegħed li se jkun qed jibgħat imejl lil kull Membru preżenti bid-dettalji ta' dan il-project leader li qed jirreferi għalih.

38.3.17 Is-Sur Sandro Alexander Caruana staqsa fiex kien wasal l-istudju dwar esplorazzjoni ta' mekkaniżmi ġodda għall-ġbir ta' skart riċiklabbli li kien ġie diskuss f'Ġunju 2020.

38.3.18 Il-President wieġeb li dan kien se jsir wara li l-operaturi ddeċidew li jirtiraw jew jemendaw l-iskeda tal-ġbir li kellhom ma' xi Kunsilli Lokali. Wara diskussjonijiet bejn l-operaturi tal-ġbir ta' skart riċiklabbli u l-Ministru Dr Aaron Farrugia, ġie milħuq ftehim bejn il-partijiet kollha biex is-servizz jibqa' għaddej skont il-kuntratti li kellhom mal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant dan l-istudju ġie mwaqqaf għalissa.

38.3.19 Is-Sur Sandro Alexander Caruana żied jgħid li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kien talab biex iżid ġabra oħra matul il-ġimgħa għall-ġbir ta' skart riċiklabbli u r-risposta li ngħata mill-operatur kienet li m'hemmx ammont biżżejjed biex tiżdied ġabra oħra fil-ġimgħa.

38.3.20 Il-President wieġeb li l-operatur obbligat li jżomm mal-kuntratt li għandu ffirmat sakemm dan jagħlaq. Wieħed irid jifhem li dan hu kuntrattur privat u mhus se jikkunsidra li jżid xogħol li mhux fil-kuntratt jekk dan se jsir b'telf għalih.

## 38.4 Skeda ta' Pagamenti;

38.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/20A-1 u 08/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

38.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Darren Abela u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 38.5 Aġġornament fuq Festa Nar 2020;

38.5.1 Il-President irrimarka li hemm bżonn li jsiru xi emendi fl-organizzazzjoni tal-attività ta' Festa Nar 2020 billi jittieħdu miżuri ħalli jkun hemm kontroll fuq in-nies li jattendu u anke ma jkunx hemm massa ta' nies ġo xulxin. Hu ssuġġerixxa li l-attività tixxandar diretta fuq stazzjon televiżiv lokali biex jitnaqqsu n-nies li jkunu qed jattendu. Ikun hemm barriers fid-dħul u persuni li jieħdu d-dettalji ta' dawk li se jkunu qed jaraw l-attività mill-Bypass tal-Imqabba filwaqt li jkun hemm sanitisers u tabelli li jfakkru li għandha tinżamm id-distanza soċjali. L-ebda gabbana tal-ikel u xorb m'għandha tingħata permess li tarma fiż-żona tal-attività. Il-band xorta tista' tagħmel il-kunċert tagħha li dan ukoll jiġi mxandar dirett fuq it-televiżjoni.

38.5.2 Capt. St John uriet id-diżapprovazzjoni tagħha u qalet li fl-opinjoni tagħha għandha tittieħed kunsiderazzjoni tas-saħħa tal-poplu Malti kif ukoll tas-settur tat-turiżmu li hu parti importanti mill-ekonomija ta' pajjiżna. Għaldaqstant il-Kunsill Reġjonali għandu jistenna sal-bidu ta' Settembru biex jara jekk għandiex issir din l-attività.

38.5.3 Il-President wieġeb li din l-attività tirrikjedi ħafna preparamenti li jridu jsiru minn qabel inkluż permessi u assikurazzjoni u mhux possibbli li torganizza kollox f'ġimagħtejn. Għaldaqstant illum irid isir mill-Kunsill Reġjonali kif se jipproċedi. Fl-opinjoni tiegħu għanhom jittieħdu miżuri biex ikun hemm tnaqqis fl-ammont ta' nies li jattendu biex jaraw l-ispettaklu mill-Bypass tal-Imqabba.

38.5.4 Is-Sur Renald Falzon qal li dan l-avveniment jiġbed l-aktar lejh lil dawk id-dilettattanti tal-piroteknika. Dawn jippreferu jarawh mit-triq, kemm jista' jkun qrib, u mhux se jikkuntentaw jarawh minn fuq it-televiżjoni.

38.5.5 Dr Marija Sara Vella rrimarkat li l-Kunsill Reġjonali hu obbligat li jagħmel risk assessment għal din l-attività fid-dawl tal-miżuri li se jkunu qed jittieħdu minħabba l-kontroll tal-firxa tal-Covid-19. Hi qed taraha diffiċli li fil-Bypass tal-Imqabba jkun hemm il-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-aspettazzjonijiet mitluba mill-Awtorità tas-Saħħa. Attivitajiet tal-massa jistgħu jattendu għalihom mhux aktar minn 300 persuna.

38.5.6 Is-Sur Terence Agius issuġġerixxa li jkun hemm sistema fejn wieħed irid jirreġistra online biex jattendi fil-Bypass fejn iħalli d-dettalji tiegħu u jingħatalu biljett. B'hekk ikun hemm contact tracing u jkun hemm kontroll fuq dawk li se jidħlu fil-Bypass.

38.5.7 Is-Sur Johan Mula qal li s-sistema online għal dawn it-tip ta' attivitajiet biex tirreġistra għall-biljett ma taħdimx.

38.5.8 Il-President qal li jrid jintlaħaq qbil fuq kif għandu jipproċedi l-Kunsill Reġjonali f'dan ir-rigward. Għaldaqstant hu qed jissuġġerixxi li jitkomplew il-preparamenti filwaqt li jittieħdu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha neċessarji. Jekk hemm bżonn anke jitqabbad Health and Safety Officer. Madanakollu, hekk kif l-Awtorità tas-Saħħa toħroġ rakkomandazzjonijiet biex attivitajiet tal-massa ma jsirux, il-Kunsill Reġjonali għandu jħassar l-attività minnufih u din ma ssirx. Hu staqsa jekk hemmx qbil mill-Membri preżenti dwar dan.

38.5.9 Il-Membri preżenti qablu mal-proposta tal-President.

## 38.6 Management Letter;

38.6.1 Il-President ressaq il-Management Letter Reply li ġiet iċċirkulata minn qabel il-laqgħa għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti spjega tagħha.

38.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega ta' dak li kien hemm fid-dokument.

38.6.3 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Management Letter Reply.

## 38.7 Skema ta' Għajnuna għal CCTV Cameras;

38.7.1 Il-President ressaq dokument bi skema ta' għajnuna għall-Kunsilli Lokali għal installazzjoni ta' CCTV cameras jew tagħmir ieħor relatat mas-sistema tas-CCTV. Dan id-dokument ġie ċċirkolat mal-avviż tal-laqgħa, għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega ta' din l-iskema ta' għajnuna finanzjarja.

38.7.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw l-iskema ta' għajnuna msemmija.

38.7.3 Fis-6.30 pm is-Sur Christian Sammut, skuża ruħu u ħareġ mill-kamra.

## 38.8 Affarijiet oħra;

**- Quarterly financial report Jannar – Ġunju 2020**

38.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju li jinkludi t-tieni Quarterly Financial Report għal din is-sena li jkopri sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Hu ta spjega tiegħu.

38.8.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport finanzjarju.

**-Proġett għall-istrateġija kulturali tar-Reġjun ma' Culture Venture**

38.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kopja ta' imejl li rċieva minn partner f'dan il-proġett fejn qed jitolbu lir-Reġjun isib post fejn isir taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi u partijiet oħra involuti. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ se jitqassmu fuq ħamest ijiem matul Settembru u Novembru 2020. Hu talab deċiżjoni mill-Membri jekk japprovawx li l-Kunsill Reġjonali għandux isib dan il-post.

38.8.4 Is-Sur David Michael Schembri talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti dettalji ta' kemm nefaq sa issa l-Kunsill Reġjonali f'kiri ta' postijiet għal attivitajiet ta' dan il-proġett, kemm kien imwiegħed li se jiġi rimborsat u kemm irċieva bħala ħlas mill-project leaders.

38.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv li sa issa l-Kunsill Reġjonali ħareġ elf u mitejn ewro għal dan il-proġett, kien imwiegħed li se jiġi rimborsat elf ewro u sa issa għadu ma rċieva xejn minkejja d-diversi imejls li hu bagħtilhom. Dawn l-attivitajiet saru Matul Novembru u Diċembru tas-sena li għaddiet.

38.8.6 Il-Membri preżenti qablu li jekk il-project leaders ta' dan il-proġett mhux se jħallsu dak li kienu wiegħdu kif ukoll il-kiri tal-post għas-sessjonijiet li jmiss, il-Kunsill Reġjonali m'għandux jerfa' r-responsabbiltà ta' aktar spejjeż f'dan il-proġett għax s'issa għadu ma serva ta' ebda ġid għar-Reġjun.

**-Post cards bl-emblemi tal-Kunsilli Lokali tar-Reġjun**

38.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta mgħoddija lilu mis-Sur Max Farrugia fejn talab lill-Kunsill Reġjonali jikkonsidra li jipprintja post cards bl-emblemi tar-Reġjun. Din l-inizjattiva diġà ġiet imwettqa mir-Reġjun ta' Għawdex.

38.8.8 Il-Membri preżenti iddeċidew li fid-dawl tal-fatt li fi żmien qarib se jkun qed isir tibdil sħiħ fir-Reġjuni ta' Malta u l-Kunsilli Lokali fi ħdanhom, mhux vallapena li tiġi diskussa u titwettaq inizjattiva bħal din. Għaldaqstant, se jkunu qed iħallu din il-proposta biex tiġi diskussa ġaladarba jiġu fis-seħħ ir-Reġjuni l-ġodda kif proposti skont ir-riforma.

## 38.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

38.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.51 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 10 ta' Settembru 2020 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina

President

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv